MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2003

Appell Kriminali Numru. 37/2003

Il-Pulizija
(Spettur M. Buttigieg)
Vs

Kishin Mohnani

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-30 ta' Gunju, 2001 ghall-habta tas-1.45 p.m. fi Triq Nazzjonali, Blata-l-Bajda, saq vettura numru KDM 400 :
1) b'manjiera bla kont;
2) traskurata;
3) perikoluza;
4) waqt li kien qed isuq l-imsemmija vettura fl-imsemmija triq, liema triq hija regolata b'sinjali ta' dawl tat-traffiku, naqas li jieqaf meta d-dawl kien qed jixghel ahmar jew amber;

5) ghamel uzu mill-istess vettura meta ma kinietx licenzjata mill-Pulizija biex tintuza fit-triq (licenzja mhux rinovata);
6) minghajr ma kienet koperta b'polza tas-sigurta' dwar ir-riskji tat-terzi persuni;
7) saq l-imsemmija vettura b'licenzja ta' vettura ohra (KDM100), liema licenzja mhux dik mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija ghal dik il-vettura;
8) u aktar b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni w b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti habat ma vettura numru IAP 067 u nvolontarjament ikkagunalha hsarat ghad-dannu ta' Alfred Grech.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-20 ta' Frar, 2003, li biha wara li rat l-artikoli 15 (1)(a), 2, 3, u 18 (2) tal-Kap. 65, l-artikolu 125 AL 128/94, l-artikolu 3 tal-Kap. 104 u l-artikolu 328 (d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati w ikkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' LM300 u skwalifikatu milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghall-zmien sitt xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-3 ta' Marzu, 2003, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata, billi tikkonfermaha fejn in forza tal-istess l-esponent instab hati tal-hames, tas-sitta w tas-seba' kap ta' imputazzjoni dedotti fil-konfront tieghu w tirrevokaha fejn in forza tal-istess l-esponent instab hati tal-ewwel, tat-tieni, tat-tielet, tar-raba' w tat-tmin kap tal-akkuzi dedotti kontra tieghu w konsegwentement tinfliggi piena aktar idoneja w dan ghar-ragunijiet suesposti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti w cioe' :- 1. li hemm konflitt fil-provi li johloq dubju ragonevoli dwar minn mis-sewwieqa kellu l-precedenza , liema element huwa fondamentali biex tigi determinata r-responsabbilta' ghall-akkadut ; 2. li l-motivazzjoni li adduciet l-Ewwel Qorti biex waslet ha taccetta l-versoni tad-driver l-ohra w tiskarta dik tal-appellant ma treggix ghax anki jekk kienet il-vettura tal-appellant li habtet fil-vettura l-ohra w anki jekk il-car tal-appellant spiccat xi ghoxrin pied lill hinn mill-post tal-

impatt , dan ma jippruvax li d-driver l-ohra kellha l-precedenza. Ghalhekk l-appellant kellu jigi liberat mit-tmin u ergo mill-ewwel , it-tieni w t-tielet akkuza ; 3. subordinatament dwar il-piena minhabba l-fatt li l-appellant ghandu hwienet il-Belt u Bugibba w ghandu diversi disturbi f' saqajh , huwa indispensabbli ghalih li jkollu mezz ta' trasport li jkun ad dispozizzjoni tieghu kontinwament u ghalhekk il-piena tal-iskwalifika tieghu mill-licenzji tas-sewqan ghandha tkun piena idonea.

Fliet l-atti kollha processwali;

Rat id-Digriet Taghha tal-5 ta' Gunju, 2003, li bih iddikjarat l-appell desert u d-digriet l-iehor tad-9 ta' Gunju, 2003 , li bih laqghet it-talba ghar-riappuntament tal-kawza ghad-9 ta' Lulju, 2003;

Semghet ix-xiehda fl-udjenza tad-9 ta' Lulju, 2003;

Semghet it-trattazzjoni ;

Ikkonsidrat;

Illi dan l-appell hu limitat ghas-sejbien ta' htija dwar l-ewwel, it-tieni , t-tielet, r-raba' u t-tmin imputazzjoni li jirrigwardaw is-sewqan tal-appellant fil-hin tal-habta u r-responsabbilta' ghalll-kollizzjoni bejn il-vettura tieghu Mercedes u dik numru IAP 067 misjuqa minn Margaret Grech , ghaliex fuq l-akkuzi l-ohra li taghhom l-appellant instab hati mill-Ewwel Qorti , ma sarx appell.

Illi l-fatti fil-qosor huma s-segwenti :- L-appellant kien gej isuq minn St. Joseph High Road, Hamrun lejn il-Belt u kien wasal fil-junction mal-flyover tal-Blata l-Bajda fejn jista' jaqsam traffiku li jkun gej mid-direzzjoni ta' Portes Des Bombes u jrid jew idur lura lejn il-Belt jew jaqsam ghall-Blata l-Bajda ghal got-triq ta' quddiem l-Iskola ta' St. Joseph. Din il-junction hi kontrollata minn "traffic lights" u ovvjament suppost li meta jixghel id-dawl ahdar ghal min ikun ser jaqsam ghan-naha tal-Blata l-Bajda jkun hemm id-dawl ahmar ghal min ikun gej min-naha tal-Hamrun u vice versa. Issa fil-waqt li l-appellant isostni li hu kien

ghaddej bid-dawl ahdar favur tieghu w li Margaret Grech hargitlu mill-lemin meta mhux suppost , Margaret Grech issostni l-kuntrarju . Irrizulta li l-karozzi kellhom hsara hekk : fil-car ta' Grech fuq ix-xewka tax-xellug ta' quddiem li minn hemm imfirxet ghall-bonnet u fil-car tal-appellant fil-gemb lemini .

Issa kif sew issottometta l-appellant fir-rikors tieghu , hawn kien hawn konflitt ta' provi klassiku bejn iz-zewg versjonijiet tas-sewwieqa li kienu diametrikament opposti . Huwa minnu li f' hafna kazijiet ta' kollizzjonijiet pero' ikun hemm provi ndiretti jew ta' natura ndizjarja li jwasslu lill-gudikant biex aktar jaghti kredibilita' lil versjoni milli lill-versjoni l-ohra . Dawn huma indizji bhal brake marks, debris li juri l-"spot of impact" , il-post u l-qawwa tal-hsara fil-vetturi rispettivi , hsarat fil-bankini , arbli jew hitan tal-vicin , eccetera. F'dan il-kaz pero' ma jidher li hemm xejn li jista' jghin lill-gudikament fl-apprezzament tal-fatti oltre x-xiehda guramentata taz-zewg drivers.

Dan ghaliex, kuntrarjament ghal dak li intqal fis-sentenza appellata , il-post fejn intlaqtu l-vetturi b'ebda mod ma jitfa' dawl fuq il-fatt dwar min miz-zewg sewwieqa kien intitolat ghall-precedenza konferita mit-"traffic lights" . Fi kliem iehor kemm jekk kienet il-car tal-appellant li bil-quddiem taghha habtet ma xi parti ohra tal-car misjuqa minn Grech kif ukoll – kif aktarx jirrizulta li gara – jekk kienet il-car ta' Grech li bix-xewka tax-xellug ta' quddiem taghha dahlet fil-gemb lemini tal-car tal-appellant, dan ma jitfa' ebda dawl fuq il-fattur determinanti tal-kwistjoni w cioe' min kellu d-dawl ahdar favur tieghu . Ghalhekk meta l-Ewwel Qorti pprovat timmotiva l-konkluzzjoni taghha dwar htija - zbaljatament fl-opinjoni ta' din il-Qorti –meta qalet testwalment : "Mill-hsarat subiti fil-vettura tal-kwerelanta jirrizulta illi din kienet li qalghet id-daqqa bil-gemb tal-vettura tal-imputat", apparti li dan mhux konfacenti mad-dinamika ta' incidenti simili ghax vetturi ma jaghtux daqqiet bil-gemb taghhom , imma se mai jaqilghu daqqiet fil-gemb taghhom ( ghax il-karozzi ma jimxux lagemba kif jaghmlu z-zwiemel!) , anki kieku verament kien hekk , dan ma jghin bl-ebda mod biex wiehed jiddetermina dak il-hin favur min kienu t-traffic lights. Anki l-motivazzjoni

mibnija fuq il-fatt li l-car tal-appellant spiccat waqfet xi 20 pied aktar il quddiem minn fejn saret il-habta ma hix konvincenti . L-ewwel nett vettura li tintlaqat fuq il-gemb taghha w ghalhekk ma ssibx “arresting force” frontali , hu naturali li tibqa’ miexja ftit il-quddiem sakemm tigi frenata bil-“brakes” jew billi titlef il-momentum frontali taghha b’mod normali. It-tieni,  distanza ta’ 20 pied hija wahda ferm qasira w tindika li l-appellant kien verament ghaddej bi speed baxx meta qala’ d-daqqa fuq il-gemb tal-car tieghu kif jirrizulta li qalaghha, ghaliex kieku ma kienx ikun jista’ jieqaf f’distanza hekk qasira . Fit-tielet lok anki dan il-fatt fih innifsu b’ebda mod ma jsolvi l-kwistjoni ta’ kif kienu qed juru t-“traffic lights” dak il-hin.

Illi ma hemm ebda xhud indipendenti li jikkorrobora versjoni jew l-ohra w meta din il-Qorti semghet lill-appellant u lill-Margaret Grech “viva voce” din il-Qorti ma setghet issib ebda element li seta’ jghinha biex tabbraccja versjoni w tiskarta ohra . Ghalhekk dan hu l-kaz klassiku fejn hemm dubbju dettat mir-raguni u dan irid imur necessarjament favur l-appellant.

Illi ghalhekk fil-fehma ta’ din il-Qorti ma jirrizultawx pruvati “beyond a reasonable doubt” l-ewwel, it-tieni , t-tielet, r-raba’  u t-tmin akkuzi w l-appell fil-mertu ghalhekk ghandu jigi milqugh .

Illi fis-sentenza appellata nghatat piena wahda komplessiva ghat-tmin reati kollha li taghhom l-appellant kien instab hati konsistenti f’multa ta’ LM300 u skwalifika milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt xhur . Illi in vista tal-konkluzzjoni fuq raggunta dwar nuqqas ta’ htija fuq l-erba imputazzjonijiet fuq imsemmija , ovvjament hemm lok ghal riduzzjoni fil-piena, pero’ biss sa fejn din tista’ ssir skond il-ligi.

Illi dwar l-aggravju fuq l-aspett tal-piena li jirrigwarda l-iskwalifika mil-licenzji tas-sewqan , jinghid mill-ewwel li l-fatt li l-hati  jkun juza l-karozza biex imur ghax-xoghol biha jew addirittura jahdem bil-karozza ma ghandux iservi bhala raguni attenwanti biex tinghata piena ta’ skwalifika iqsar minn dak misthoqq. Fiz-zminijiet tal-lum il-karozza

saret essenzjali ghal kullhadd fil-hajja ta' kulljum u m'ghadhiex kapricc . Kull hadd, piu' o meno, juzha ghax ghandu bzonn juzha, uhud aktar minn ohrajn . Ghalhekk jekk il-Qorti toqghod tezenta lil kull min juza karozza ghall-bzonn u mhux biss ghad-divertiment mill-piena ta' skwalifika , il-ligi tigi stultifikata w tkun qed tigi applikata b'mod diskriminatorju . Appropozitu din il-Qorti diversament preseduta mill-Onor. Imhallef W. Harding fl-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. George Zammit" [30.6.1962] kienet iccitat b'approvazzjoni lil Lord Goddard fis-sentenza fil-kawza : "Whitall vs. Kirby" (1946) [2 All Eng. Law Rep. 552 , kif rapportat fil-BLAKE CAIRN fit-test "Special Reasons" ] fejn qal "the fact that drivers are professional drivers would , of itself, indicate that they are more likely to be habitually on the roads ………, so there is all the more reason for protecting the public against them."

Issa apparti l-akkuzi mertu ta' dan l-appell , l-appellant kien gie misjub hati ukoll tal-akkuzi ta' sewqan ta' vettura meta ma kienetx koperta b'licenzja mill-Kummissarju biex tintuza fit-triq (licenzja mhux renovata); li saq l-istess vettura minghajr ma kienet koperta b' polza tas-sikurta' dwar ir-riskji tat-terzi persuni w li saq l-istess vettura b' licenzja ta' vettura ohra (KDM – 100) liema licenzja mhux dik mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija ghal dik il-vettura.

Illi l-piena ghas-sewqan ta' vettura bla licenzja ossia b'licenzja mhux renovata u l-piena ghal uzu ta' vettura b'licenzja ta' vettura ohra skond kif kienet il-ligi fiz-zmien tar-reat u cioe' 30 ta' Gunju, 2001 u qabel ma dahlu in vigore l-emendi introdotti bl-Att III tas-sena 2002 kienet l-multa ta' mhux izjed minn mitt lira jew prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn tlitt xhur u, fejn tigi mitluba mill-Prosekuzzjoini , sospensjoni tal-licenzjiu ghal periodu ta' mhux inqas minn tmint ijiem. Pero' il-piena ghar-reat ta' sewqan ta' vettura bla ma kien kopert b'polza tas-sikurta' skond l-artikolu 3 tal-Kap.104 kienet fil-kaz tal-ewwel reat multa ta' mhux inqas minn LM250 izda ta' mhux izjed minn LM500 jew prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn tlitt xhur jew il-multa w l-prigunerija flimkien , u

skwalifika ghall-periodu ta’ tnax il-xahar milli jkollu jew li jikseb licenzja tas-sewqan.

Illi minn dana jidher li meta l-Ewwel Qorti applikat il-piena tal-iskwalifika mill-licenzji kollha tas-sewqan, kienet diga nizlet taht il-minimum preskritt mill-ligi fl-artikolu 3 tal-Kap. 104 li jippreskrivi tassattivament periodu ta’ skwalifika ghal tnax il-xahar . Dan l-ewwel Qorti ghamlitu minghajr ma invokat ebda “ragunijiet specjali” biex tkun tista’ taghmel dan. Peress li ma sar ebda appell mill-Prosekuzzjoni f’ dar-rigward din il-Qorti ma tistax tindirizza din l-irregolarita’ w tawmenta l-periodu tal-iskwalifika , u dana anki ghalkemm lilha lanqas ma jirrizultawlha ebda ragunijiet specjali . Di fatti kif gie ritenut fl-appell kriminali “Il-Pulizija vs. George Zammit” fuq citat , il-kliem “ragunijiet specjali” dejjem gew interpretati bhala li jfissru ragunijiet “special to the offence” u mhux “special to the offender” u r-ragunijiet li ngabu l-quddiem mid-difiza biex ikun hemm skwalifika ghall-periodu inqas ma humiex cirkostanzi specjali ghar-reat imma se mai cirkostanzi “special to the offender” u kwindi ma hemmx lok ghal riduzzjoni ulterjuri tal-periodu tal-iskwalifika preskritt mill-ligi oltre dak li gja ghamlet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata kif fuq intqal .

Kwantu ghall-multa , stante li fuq ir-reat ta’ sewqan bla kopertura kontra r-riskji ta’ terzi , diga hemm minimu preskritt mill-ligi ta’ LM250 u stante li ghaz-zewg reati l-ohra hija applikabbli l-multa u l-minimu tal-multa skond l-artikolu 11 (1) tal-Kodici Kriminali huwa ta’ ghaxar liri sakemm il-ligi ma tghidx espressament xort’ ohra , l-inqas multa li tista’ tapplika din il-Qorti bl-applikazzjoni tal-artikolu 17 (f) tal-Kodici Kriminali hija l-oghola multa b’zieda ta’ nofs kull wahda mill-multi l-ohra w cioe’ mitejn u sittin lira Maltin (LM260).

Ghal dawn il-motivi , din il-Qorti qed tilqa’ l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata b’dan illi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati tal-hames, is-sitt u s-seba mputazzjoni w fejn skwalifikatu milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt xhur – liema periodu ghandu jibda jghodd min-nofs il-lejl tal-lum , u tirrevokaha fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel, it-tieni, t-tielet, r-

raba' u t-tmin akkuza u fejn ikkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' tlitt mitt lira Maltin u minnflok tiddikjarah mhux hati tal-ewwel, it-tieni, t-tielet, r-raba u t-tmin akkuzi u tilliberah minnhom u tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' mitejn u sittin lira Maltin (LM260) komplessivament ghall-hames, is-sitt u s-seba' akkuzi bl-applikazzjoni tal-artikolu 17 (f) tal-Kap.9.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------